## KONGREGAZZJONI MQADDSA GHALL-KULT DIVIN

Prot. n. 166/70

### DIGRIET

Bil-Kostituzzjoni Appostolika tiegħu **"Missale Romanum"** tat-3 ta' April 1969, il-Q.T. il-Papa Pawlu VI iddetermina l-Ordni l-ġdid għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u approva t-testi tal-Missal Ruman. Għalhekk din il-Kongregazzjoni Mqaddsa għall-Kult Divin, b'ordni ta' l-istess Papa, qiegħda xxandar din l-edizzjoni l-ġdida tal-Missal Ruman, li saret skond id-digrieti tal-Konċilju Vatikan II, u li għandha titqies bħala l-edizzjoni t-tipika.

Għal dak li hu l-użu tal-Missal Ruman il-ġdid, qiegħda tingħata s-setgħa biex l-edizzjoni Latina tibda tintuża minnufih malli toħroġ; għalissa, sa ma l-Kalendarju l-ġdid jibda jseħħ darba għal dejjem, isiru l-adattamenti meħtieġa dwar f'liema ġranet isiru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Qaddisin; il-Konferenzi Episkopali jieħdu ħsieb ihejju l-edizzjonijiet fl-ilsna tal-post, u jiddeterminaw il-ġurnata li fiha jibdew iseħħu, wara l-approvazzjoni regolari tagħhom mis-S. Sede.

Kull ma hu kuntrarju għal dan id-digriet ma jwaqqa' xejn minn dak li jingħad fih.

Mogħti mill-palazz tal-Kongregazzjoni Mqaddsa għall-Kult Divin, fis-26 ta' Marzu 1970, nhar it-Tifkira solenni ta' l-Ikla tal-Mulej.

BENNO Kard. GUT
Prefett

A. BUGNINI
Segretarju